MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 28/2021-8

Il-Ġimgħa, 5 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza b'mod virtwali fuq MS Teams minħabba ir-restrizzjonijiet tal-pandemija u dan skond Direttiva 7/2020.

PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

28.1 **Offerti – Tender for supply of a Low Emission Second Hand Tipper Truck u Service of General Hand, maintenance, cleaning and up-keeping for iz-Zebbug Local Council**

Is-Sindku nforma lil membri illi fl-offerta *Tender for supply of a Low Emission Second Hand Tipper Truck* intefgħu żewġ offerti waħda tal-Burmarrad Commercials u l-oħra tal-Pro Cars Ltd. Qal li wara li ntbgħatu xi kjarifiki mill-offeranti, l-bord informa lil Kunsill li l-Pro Cars kienu *compliant* u għalhekk il-membri approvaw ir-rakomandazzjoni tal-bord. Il-Viċi Sindku, staqsiet min ser ikun qed isuq dan it-trakk, is-Sindku wieġeb li dan ser ikun qed jintuża u jinstaq mill-ħaddiema tal-Kunsill li jagħmlu xogħol manwali. Is-Sindku fakkar li r-Reġjun t'Għawdex ser jgħin biex jinxtara dan it-trakk peress li l-Kunsill ser japplika għal iskema li nħarġet. Il-membri qablu li ssir *sticker* tal-Kunsill fuq it-trakk.

Rigward l-offerta – *Service of General Hand, maintenance, cleaning and upkeeping for iz-Zebbug Local Council.*

Is-Sindku nforma lil membri li din l-offerta intefgħet minn Sultech u Yami Yami pero' ġie infurmat mill-bord li kienet ftit għolja. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex issir talba lid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jingaġġa *general hand* tal-fiss minflok. Il-Viċi Sindku staqsiet kemm tkun il-paga grossa fis-sena. Is-Sindku wieġeb li ser jiċċekja u jinfurmhom. Il-Kunsillier Cordina ssuġerixxa biex min jitqabbad

il-Kunsill jagħmililu ċara sabiex ma joqgħodx iqabbel ruħu ma ħaddiema oħrajn. Il-membri qablu.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.15 ta' filgħaxija.

Nicky Saliba

Sindku

Odette Camilleri

Segretarju Eżekuttiv